SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 34/K7/14**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 18/11/'14** **317**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 18/11/'14** **372**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 21/11/'13** **19**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Tlieta 18 ta' Novembru 2014.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.30 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier Alex Grech
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech

1.04 Skużati (1) Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli (Inc.6114/14)

1.05 Assenti (2) Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsillier Richard Scicluna

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0)

1.07 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-12 ta' Novembru 2014. L- Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Attivita' re: Malta Community Chest Fund
4. Bini tal-Uffiċċju Amministrattiv
5. Performance Bonus
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċerman ressaq il-Minuti 33/K7/14 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 33/K7/14.

1.3.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.4 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville**

1.4.01 Peress li l-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Paceville ser issir nhar it-Tlieta 25 ta' Novembru 2014 ma kienx hemm minuti biex japprova l-Kunsill.

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

6114 Email mingħand il-Viċi Sindku rigward nuqqas ta' attendenza għal-laqgħa tat-18 ta' Novembru 2014.

6121 Korrispondenza b'konnessjoni mal-proġett tad-Dar tal-Anzjani.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

2.02 **Rif. Nru. 6114**

B'riferenza għall-*e*mail mingħand il-Viċi Sindku rigward nuqqas ta' attendenza għal-laqgħa tat-18 ta' Novembru 2014 ġie deċiż unanimament li jkun skużat.

2.03 **Rif. Nru. 6121**

B'riferenza għall-korrispondenza b'konnessjoni mal-proġett tad-Dar tal-Anzjani l-Kunsill ġie nfurmat li ser issir laqgħa ma' l-Onor. Justyne Caruana. Aktar dettalji jingħataw meta tiġi kkonfermata l-laqgħa.

## 3. Attivita' re: Malta Community Chest Fund

3.01 Iċ-Ċermen għamel riferenza għal-laqgħa li attenda l-Kunsillier Norman Vella b'konnessjoni mal-Malta Community Chest Fund u nforma lill-Kunsill li ser jiltaqa' ma' rappreżentanti tal-Banda Spinola u tal-Banda San Ġiljan sabiex jara jekk tistax tittella xi attivita' bi skop li jinġabru fondi għal Malta Community Chest Fund. Is-Sur Michael Aquilina, tal-Banda San Ġiljan diġa' tkellem mas-Sindku fuq l-istess suġġett u ser issir laqgħa nhar it-Tlieta 25 ta' Novembru 2014 fis-6.00p.m.

## 4. Bini tal-Uffiċċju Ammministrattiv

4.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li wara li saret laqgħa ma' l-Avukat tal-Kunsill, Dott. Stefano Filletti, u fuq parir ta' l-Avukat intbagħtet ittra lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-bini tal-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill (Ara Appendiċi 'A').

Il-Kunsill ġie ppreżentat ukoll bir-risposta tad-Direttur (Ara Appendiċi 'B' – inc. Ref. 6005/14). Din ġiet riferuta lill-Avukat u ser issir laqgħa mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

4.02 Ġie nfurmat il-Perit tal-Kunsill biex jieħu kull azzjoni neċessarja jekk hemm periklu biex tiġi salvagwardjata s-saħħa u s-sigurta' tal-impjegati tal-Kunsill u tal-persuni li jutilizzaw is-servizzi tal-Kunsill. Il-Perit ġie mitlub ukoll jippreżenta rapport tekniku tal-ħsarat li hemm.

## 5. Performance Bonus

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-'performance appraisal' ta' l-impjegati u rrakomandat li jingħataw il-massimu tal-performance bonus.

5.02 Iċ-Ċermen ressaq il-'performance appraisal' tas-Segretarju Eżekuttiv għall-attenzjoni tal-Kunsill u rrakomanda li tingħata l-massimu tal-performance bonus.

5.03 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-massimu tal-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv u ta' l-iskrivani (Ara Appendiċi 'C' – 'G').

5.04 Il-Kunsillier Alex Grech issekondah.

5.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.06 Is-Segretarju Eżekuttiv, f'isimha u f'isem l-iskrivani rringrazzjat lill-Kunsill.

**6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'H').

6.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

6.03 Il-Kunsillier Alex Grech issekondaha.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 3641 sa 3646 (Ara Appendiċi 'I').

7.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets minn Nru. 3641 sa 3646.

7.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

7.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**8. Materji Oħra**

8.01 Il-laqghat li jmiss ser isiru kif ġej:-

a) Il-Ħamis 18 ta' Diċembru 2014 (Laqgħa Annwali) fis-6.00 p.m.

b) Il-Ħamis 29 ta' Jannar 2015 fis-2.30 p.m.

8.02 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li l-impjegati tal-Kunsill jattendu għall-attivita' Kunsilly jekk din issir.

8.03 Il-laqgħa ntemmet fl-3.35 p.m.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**